MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Numru 28/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**VS**

**John Zammit ta' 65 sena, bin Angelus u Mary nee' Muscat, imwieled Ghajnsielem nhar il-25 ta' Novembru 1948, residenti fil-fond numru Australian Waranata, Triq Malta, Ghajnsielem u detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 89548(G)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat John Zammit akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-07 ta' Marzu 2010 ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (1830hrs) gewwa

il-fond Flat 1, Australian Waranata, Triq Malta, Ghajnsielem:

a. bil-hsieb li joqtol lil ***Nicholas Zammit*** jew li jqieghdlu il-hajja tieghu f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' ***Nicholas Zammit*** jew igiblu disordni f'mohhu u wera dana il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi xejjer diversi daqqiet b'sikkina, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu.
b. Ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi ikkometta offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta'l-imsemmi ***Nicholas Zammit.***
c. kif ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
d. ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkustanzi fil-hin li kienet qed taghmel delitt kontra il-persuna ta' ***Nicholas Zammit*** kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-15 ta' Dicembru 2011.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm l-akkuza ewlenija migjuba fil-konfront ta'l-imputat hija dik dwar it-tentattiv ta'l-omicidju, madanakollu fin-nota tar-rinviju tieghu ghal-gudizzju, l-Avukat Generali jindika illi mill-provi mismugha f'dina il-kawza tista' tinstab

htija fil-konfront ta'l-imputat biss ghar-reat ta'l-offiza gravi kif previst fl-artikolu 214, 216(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-isfond ghal dana l-incident familjari bejn l-imputat u ibnu kien il-problema ta'l-akohol li ghandu l-vittma ta' dina l-allegata aggressjoni Nicholas Zammit. Illi s-sistema penali taghna dejjem kellha bhala l-ghan ewlieni taghha r-riforma tal-persuna misjuba hatja ta' reat u dana sabiex ir-reat ma jergax jirrepeti ruhu. Madanakollu f'dina l-kawza l-Qorti tistqarr minghajr tlaqlieq illi hemm il-htiega tar-riforma tal-vittma ta' dana r-reat u mhux tal-persuna akkuzata. Dana qed jinghad peress illi dak li wassal ghal dana l-incident familjari bejn il-missier u l-iben kienet il-problema tal-akolhol li ghandu l-parti leza u cioe' Nicholas Zammit. Jidher illi dina hija problema li ilha ghaddejja ghal snin twal tant illi kellha effett fuq il-familja kollha, inkluz hut l-istess vittma. Dana huwa rifless fix-xhieda imbikkma li taghti bint l-imputat Frances Zammit. Jidher illi anke matul l-andament ta' dina l-kawza dina l-problema baqghet tippersisti tant illi l-istess Frances Zammit tghid li ma setghetx tibqa' tospita lil huha f'darha minhabba l-problemi li kien qed johloq. Jidher illi l-ghajnuna li ipprovaw jaghtu il-genituri ta' Nicholas lil binhom. ma serviet ghal xejn[1]. Dan kollu huwa ukoll rifless fix-xheida ta' Nicholas Zammit stess li ighid hekk fuqu innifsu;
"**Jiena ghandi problema ta' alkohol u meta nixrob insir aggressiv u vjolenti. Nikkonferma ukoll illi qabel ma sehh dana l-incident jiena kont ghadni kemm xrobt. Fil-fatt nghid illi wahda mir-ragunijiet ghaliex kont aggressiv kien minhabba li kont ghadni kemm xrobt. Nghid illi fil-passat jiena kelli hafna incidenti, anke ma' huti minhabba l-problema tieghi tal-akohol, izda nghid li l-genituri tieghi u huti dejjem haffruli ghal dak kollu li jiena ghamilt. Nghid illi l-familja tieghi minn kollox qed jaghmlu biex ighinuni nipprova nohrog minn din il-problema. Nghid illi l-familja tieghi**

[1] Ara xhieda ta' Frances Zammit a fol.328

**jhobbuni hafna. Nikkonferma li kien hemm diversi incidenti ma' huti u l-genituri tieghi.**[2]"
Kien ghalhekk minhabba dana l-isfond familjari mizghud bil-problema kbira ta'l-abbuz tax-xorb li ghandu Nicholas Zammit kif jirrizulta mill-atti, illi l-Avukat Generali gustament hass illi l-imputat qatt ma seta ifformola l-intenzjoni illi joqtol lil ibnu, meta huwa kien tant ipprova ighinu u li kien minhabba f'dina ir-raguni li inqala' l-incident mertu ta' dina l-kawza.

Ikkunsidrat,

Illi mill-atti jirrizulta illi prezenti ghall-incident familjari mertu tal-kawza kien hemm l-imputat, martu Rose Zammit u binhom Nicholas. Jidher illi dak in-nhar Nicholas kien ghamel gurnata barra jixrob u meta irritorna id-dar ghal habta tas-sitta ta' fil-ghaxija huwa dahal fil-kcina fejn kien hemm il-genituri tieghu sabiex jiekol. Hawnhekk inqala' argument verbali bejnu u bejn missieru li sfortunatament spicca f'wiehed fiziku fejn Nicholas spicca refa' idejh fuq missieru u anke ikkagunalu xi griehi fuq rasu. Minhabba l-attitudni aggressiva ta' ibnu, l-imputat jiddeciedi li icempel lill-pulizija u ighid lil martu sabiex jaghmel dan. Jidher illi f'dan il-hin ibnu sewgieh ghal gol-kcina ghaliex ma riedx lil missieru jaghmel dan. Minn hawn il quddiem ma johrogx car min kienet il-persuna li qabdet is-sikkina tal-kcina jekk hux l-imputat jew ibnu Nicholas. L-imputat kemm fil-verzjoni moghtija minnu *a tempo vergine* fl-istqarrija tieghu rilaxxjata lill-pulizija, kif ukoll fix-xhieda guramentata li jaghti quddiem l-Magistrat Inkwirenti, illi kien ibnu Nicholas li qabad is-sikkina f'idu u beda iheddu illi kien ser jaghmel il-hsara lilu innifsu jekk icempel lill-pulizija. L-imputat ighid illi ibnu fil-fatt hekk ghamel u dawwar is-sikkina fuqu innifsu u li ghalhekk il-feriti li kellu kienu kollha *self-inflicted.* Jichad illi huwa qabad is-sikkina b'idu u li ikkaguna xi griehi fuq ibnu. Ibnu Nicholas ukoll hekk ighid. Isostni illi huwa kien xurban, sar aggressiv fil-konfront ta' missieru u anke hebb ghalih. Meta mitkellem mis-surgent 369 *a tempo vergine* meta kien ghadu kemm iddahhal l-isptar, isostni illi huwa kien waqa' fuq is-sikkina,

---
[2] Ara xhieda ta' Nicholas Zammit a fol.78

izda meta imbaghad jixhed quddiem l-Magistrat Inkwirenti ighid illi wahda mill-feriti giet ikkagjonata meta waqa' fuq is-sikkina u l-ohrajn ghamilhom hu stess fuqu innifsu[3]. Meta imbaghad jixhed f'dina l-kawza, huwa ibiddel il-verzjoni u isostni illi l-feriti kollha li kellu kienu *self-inflicted* u li mhuwiex minnu illi missieru ghamillu xi feriti[4].

Fl-ahharnett hemm il-verzjoni imbaghad ta' Rose Zammit, mart l-imputat u omm Nicholas. Illi mill-provi akkwizti jidher illi dina Rose Zammit kienet ukoll giet arrestata in konnessjoni ma' dana l-incident u kienet giet mizmuma ghal lejl shih fil-*lock-up* tal-pulizija. Meta imbaghad tirrilaxxja l-istqarrija taghha hija tghid illi zewgha kien xejjer daqqa ta' sikkina fuq binha u dana sabiex jiddefendi lilu innifsu mill-agressjoni ta' binha. Dina l-istqarrija hija tikkonferma bil-gurament quddiem l-Magistrat Inkwirenti[5]. Tghid hekk:
**Il-bierah jien u ir-ragel morna il-quddies tal-hamsa, u forsi ghamilna hemm sa xi sitta nieqes kwart, is-sitta. Morna lura id-dar, r-ragel beda jsahhan biex nieklu. Qeleb lili u lilu biex nieklu. Ftit wara minuti gie it-tifel minn isfel, gholla l-ghatu tal-borma u beda igerger. It-tifel beda igerger kemm jiflah u ighajjar lil missieru. Ir-ragel qallu taghmilx l-arja hawn gew, u qallu x'hin tixrob int hekk taghmel!. It-tifel mar hemm wara fil-kamra tat-terrazzin. Kompla ighajjat u ir-ragel mar warajh. U ir-ragel qallu taghmilx l-arja hawn gew u int dejjem hekk taghmel meta tixrob. Dak il-hin jiena kont mort ma genbhom fil-kamra bejniethom u ir-ragel messni fuq spallejja biex inwarrab minn nofs biex ma inweggax. It-tifel hemm haseb li missieru kien taghni daqqa, u hemm gew fl-idejn. Jiena ergajt sikkitthom. U it-tifel mar fil-kcina wara ir-ragel. It-tifel sfida lir-ragel u qallu ejja hebb ghalija! U kixef sidru u resaq ghal fuq missieru. U ir-ragel qabad is-sikkina u b'self-defence tah daqqa biha. Wara it-tifel qabad is-sikkina b'idu u beda jaghti lilu innifsu. Jiena nghid illi dak il-hin jiena ma rajtx kemm ta daqqiet it-tifel lilu innifsu. Izda naf li dak il-hin rajt id-demm u l-ewwel hsieb li**

3 Ara xhied ata' Nicholas Zammit fl-atti ta'l-inkjesta a fol.45
4 Ara xhieda imputat a fol.77
5 Ara stqarrija Dokument A a fol.49 guramentata a fol.52

**kelli kien li indewwieh. Il-kaxxa tal-First Aid kienet fil-kamra tal-banju, imma kif rajt il-ferita jiena ma missejtux. Dak il-hin hadtlu is-sikkina minn idu ghax zgur kien sejjer jibqa' jaghti biha u imut zgur. Ghentu jqum sal-karozza tieghu u wassaltu l-isptar.**
Tikkonferma illi zewgha ukoll sofra xi griehi f'dana l-incident minhabba illi it-tifel kien xejjirlu daqqa ta' ponn, u ir-ragel taghha waqa ghal fuq is-sufan, izda wara li zewgha irnexxielu jahrab ghal gol-kcina, Nicholas segwieh hemmhekk u baqa' isawwtu. Kien hawn meta zewgha qabad is-sikkina minn fuq il-bank tal-kcina.

Meta imbaghad taghti ix-xhieda taghha fil-Qorti, hija tghid illi kien it-tifel li qabad is-sikkina b'idejh u li beda jaghti biha fuqu innifsu. Tghid hekk:
**Ghandi nghid illi l-incident beda meta gew fl-idejn billi it-tifel tieghi ta daqqiet f'rasu lil missieru. Ir-ragel mar jigri gol-kcina u it-tifel mar jigri warajh fejn hemmhekk imbaghad it-tifel qabad l-arma f'idejh. Nghid illi f'dan il-mument meta it-tifel mar wara missieru, huwa kien pjuttost aggressiv. Nghid illi r-ragel baqa' sejjer mal-bank tal-kcina fejn is-soltu jiekol u it-tifel gie mal-hajt. Nghid illi r-ragel qal lit-tifel li kien ser icempel lill-pulizija. F'dan il-hin it-tifel qabad is-sikkina u qallu biex ma jcempilx lill-pulizija u li jekk kien ser jcempel lill-pulizija huwa kien ser jaghmel il-hsara b'idu. Ir-ragel kien bil-wieqfa fit-tarf tal-bank tal-kcina u nghid ghalhekk illi ir-ragel u it-tifel kienu xi ftit imbeghdin minn xulxin.**
Meta ix-xhud tigi mistoqsija mill-Qorti jekk hija tiftakarx illi fl-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija, kif ikkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat hija kienet qalet illi kien zewgha li xejjer l-ewwel daqqa ta' sikkina, twiegeb illi hija ma tiftakarx li kienet qalet dana id-diskors u issostni illi dak in-nhar hija kienet tat l-istess verzjoni bhal dik tax-xhieda taghha. Tichad illi kienet qalet diskors fis-sens illi zewgha kien xejjer xi daqqa ta' sikkina fuq binha bhala *self defence*. Meta tixhed in kontro-ezami issostni illi hija kienet inzammet arrestata ghal sieghat shah minghajr ma kienet taf fejn kien zewgha u il-kundizzjoni ta' sahha ta' binha u li hija kienet irrilaxxjat l-istqarrija taghha kwazi

erba u ghoxrin siegha wara l-arrest taghha meta kienet ghajjiena u taht pressjoni.

Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'dawn il-verzjonijiet ta' tlieta minn nies membri ta'l-istess familja li fil-maggior parti taghhom huma identici ghal xulxin hlief ghar-rigward tal-mod kif gew ikkaggjonati il-feriti fuq Nicholas Zammit. Illi ma hemmx dubbju illi uhud min dawn il-feriti huma *self inflicted*. Dana jirrizulta mill-provi forensici li ittiehdu mill-esperti innominati fl-inkjesta magisterjali, b'mod ewlieni ir-rapport tal-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri li ghalkemm jikkonferma illi xi feriti jidhru cari li gew *self-inflicted*, madanakollu ma jistax jikkonkludi definttivament dwar feriti ohra jekk dawn gewx maghmula mill-vittma fuqu innifsu o meno. Ighid hekk fir-rapport tieghu:
"***Illi l-lezjoni tawwalija fil-hypochondrium tax-xellug deskritta fuq il-persuna ta' Nicholas Zammit kienet aktar twila milli fonda u ghalhekk klassifikata bhala incizjoni.***

***Illi din giet maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta.***

***Illi din l-incizjoni ppenetrat l-abdominal cavity u ghalhekk hija lezjoni ta' natura gravi.***

***Illi din il-lezjoni m'ghamlitx hsara lil organi interni.***

***Illi l-abrazjonijiet deskritti kienu bi dritt xulxin, maghmulin minn strument bil-ponta u ghandhom karatteristici ta' self inflicted injuries.***

***Illi l-lezjoni l-ohra deskritta fuq l-aspett laterali tal-left lower quadrant taz-zaqq kienet itwal milli kienet fonda u ghalhekk kienet incizjoni maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta.***

***Illi Nicholas Zammit qal lill-esponent illi seta ta l-kaz li missieru tah daqqa ta' sikkina u li Nicholas stess ha s-sikkina minn id missieru.***

***Illi Nicholas qal ukoll lill-esponent illi hu ta xi daqqiet bis-sikkina lilu innifsu. L-abrazjonijiet deskritti huma tipici.***

***Illi fl-ebda hin ma gie imsemmi li John Zammit xejjer aktar minn daqqa wahda bis-sikkina. Din id-daqqa setghet kienet dik li pperforat l-abdominal cavity jew l-ohra li kienet aktar supericjali u mhux ta' natura gravi.***

***Illi ghalkemm dwar l-abrazjonijiet imsemmija m'hemm l-ebda dubbju li dawn kienu self inflicted huwa difficli li wiehed ighid b'certezza jekk il-lezjoni l-ohra li kienet self inlicted kenitx dik li ppenetrat l-abdominal cavity jew dik li kienet aktar superficjali***."

Illi minn dan ir-rapport, ghalhekk, jirrizulta illi meta Nicholas Zammit gie mitkellem mill-espert mediko-legali huwa qallu illi missieru seta' xejjirlu daqqa bis-sikkina, izda ghalkemm l-espert seta' jikkonkludi illi it-tlett abrazjonijiet li kien hemm fuq l-aspett anterjuri u antero-laterali tal-*left lower quadrant* taz-zaqq kienu minghajr dubbju *self-inflicted injuries* billi kellhom il-karatteristici tipici ta' dan, izda huwa ma jistax jikkonkludi jekk iz-zewg feriti l-ohra kenux ukoll tali ghalkemm jista' ikun li dan kien il-kaz. Dana jikkonkludieh abbazi ta' dak li ighidlu Nicholas Zammit illi misieru seta' xejjirlu daqqa wahda ta' sikkina. Dak li ighid Nicholas Zammit lill-espert mediko-legali, madanakollu, qatt ma gie ikkonfermat bil-gurament u meta jaghti ix-xhieda tieghu, Nicholas Zammit jichad li qal dan id-diskors.

Illi sfortunatament l-ebda impronti digitali ma gew elevati mis-sikkina li intuzat f'dana l-incident u kwindi il-Qorti lanqas ghandha f'idejha prova cirkostanzjali li tindika jekk l-imputat setax qabad is-sikkina b'idejh o meno. L-uniku kampjuni li gew elevati kienu dawk tat-tracci tad-demm li instabu fil-post u fuq il-hwejjeg tal-partijiet minn fejn l-espert Dr. Marisa Cassar wasslet ghal konkluzjoni illi id-demm li kien hemm fuq kutra jew *throwover*, tapit u qalziet griz li gew elevati mis-salott, kif ukoll kampjun iehor ta' demm li gie elevat mill-art fil-kamra tas-sodda, vicin is-sodda kien id-demm ta'l-imputat. Dawn il-konkluzjonijiet

jaqqblu mad-dinamika ta'l-incident kif deskritta minn dawn it-tlieta minn nies minn fejn jirrizulta illi Nicholas Zammit kien hebb ghal missieru u ikkagunalu xi griehi meta kien fil-kamra tas-salott, u precisament meta huwa imbuttah ghal fuq is-sufan. Mill-bqija il-kampjuni tad-demm li gew elevati mill-kumplament ta'l-appartament u minn fuq is-sikkina u l-hwejjeg tal-vittma, ma jappartjenux lill-imputat.

Illi sfortunatament dawn il-provi ma iwasslux lil dina l-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali illi l-imputat xejjer daqqa ta' sikkina lejn ibnu ghalkemm dan seta' kien il-kaz. Illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dana il-kaz, kieku il-Qorti kellha tistrieh fuq id-dikjarazzjoni guramentata moghtija minn Rose Zammit quddiem l-Magistrat Inkwirenti u fuq dak li ighid il-vittma lill-espert mediko-legali mhux taht gurament, is-sejbien ta' htija ta'l-imputat minghajr dubbju ikun wiehed *unsafe and unsatisfactory* billi dina il-Qorti ser ikollha dejjem *a lurking doubt* dwar il-htija tieghu. Fuq kollox anke jekk ghal grazzja ta'l-argument, dina il-Qorti kellha temmen illi l-imputat verament xejjer daqqa ta'sikkiena lil ibnu xorta wahda ser jibqa id-dubbju dwar liema mill-feriti rapportati mill-vittma kienetx il-wahda inflitta mill-missier u allura jekk dik ta' natura gravi kenitx *self-inflicted* o meno.

Billi dina l-Qorti ghalhekk ghandha id-dubbji taghha jekk l-imputat qabadx is-sikkina u ikkaguna ferita biha fuq ibnu, kwindi mhijiex ser tidhol biex tezamina jekk tistax tinsab htija fil-konfront ta'l-imputat ghall-akkuzi indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju li jaqghu taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Fi kwalunkwe kaz, l-Avukat Generali jindika l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 li jitkellem dwar armi regolari jew imitazzjoni ta'l-istess u sikkina tal-kcina ma taqax taht id-definizzjoni ta' armi regolari kif imfissra fl-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ghall-mottivi hawn fuq migjuba l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu minhabba kunflitt fil-provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------